**Ġ3.1.2**
Nidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin tal-kampanja Maltija.

## A. Qabbel dawn in-nomi fis-singular man-nomi fil-plural

| | |
|---|---|
| għolja | portijiet |
| wied | għasafar |
| pjanura | rdumijiet |
| bajja | ħarrub |
| port | pitirrossi |
| rdum | bajtar |
| belt | għoljiet |
| raħal | widien |
| kappara | bajjiet |
| ħarruba | kappar |
| bajtra | pjanuri |
| pitirross | rħula |
| żrinġ | bliet |
| għasfur | żrinġijiet |

## B. Aqra l-ismijiet ta' dawn il-postijiet f'Malta jew f'Għawdex:

**iċ-Ċittadella**



l-Imdina



ir-Rabat



il-Mellieħa



ix-Xagħra



in-Nadur



iż-Żebbuġ



**il-Qrendi**



**l-Imqabba**



**Wied Babu**



**Wied il-Lunzjata**



**Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes)**



**Ċ. Uża dawn l-ismijiet biex tkompli dawn is-sentenzi:**

1. F'Malta, insibu xi bliet jew irħula mibnija fuq l-għoljiet. Fost dawn insemmmu l-belt taċ-**Ċ**__ __ __ __ __ __ __ __ __ Għawdex, l-**I** __ __ __ __ __ u r-**R**__ __ __ __ Malta.
2. Il-**M** __ __ __ __ __ __ huwa raħal ieħor f'Malta li hu mibni fuq għolja.
3. Għawdex magħruf bħala l-gżira tat-tliet għoljiet li huma x- **X**__ __ __ __ , in-**N**__ __ __ __ u ż-**Ż**__ __ __ __ __.
4. **W**__ __ **B** __ __ __ huwa tip ta' wied f'Malta.
5. Wied ieħor famuż ħafna f'Malta huwa **W**__ __ **Q** __ __ __ __ __, jew magħruf aħjar bħala 'Chadwick Lakes'.
6. **W** __ __ **il-L** __ __ __ __ __ __ __ huwa wied f'Għawdex.
7. Wied huwa l-post li jinsab bejn il-blat, u li jgħaddi l-ilma tax-xita minnu fix-Xitwa.
8. Il-**Q** __ __ __ __ __ u l-**I** __ __ __ __ __ __ huma żewġ irħula f'Malta mibnija fuq pjanura, jew art lixxa.

**D. Ikteb dawn in-nomi f'posthom:**

**iż-żrinġ, Widnet il-Baħar, il-pitirross, l-għasfur tal-bejt, il-ħarruba, il-ħaxixa Ingliża, il-marżepp, il-kappar, il-merill**

| Annimali | Pjanti |
|---|---|
| | |